Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAT-TMIENJA U GHOXRIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 15 ta' April 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**

Il-Minuti gew approvati bla korrezzjonijiet

**2. PUNTI MQAJJMA**

- Is-Sur Gerry Borg staqsa kif Triq il-Gonna gejja tiswa iktar minn €60,000 meta skond il-minuti tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan Triq l-Gherusija, li hija ferm ikbar ser tiswa €66,000 filwaqt li Triq Guze Bonnici, €45,000. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif Triq il-Gonna ghad m'hemmx prezz fuqha imma biss quote ghax kif kulhadd jaf, inharget it-tender u taghlaq fit-30 ta' Mejju 2014. Jekk il-fondi ma jippermettux, kompliet is-Segretarju Ezekuttiv, issir iktar 'il quddiem
- Is-Sur Alfred Zammit ghamel riferenza ghall-gemellagg u d-diskussjoni li kien hemm fil-laqgha tal-Kunsill precedent. Hu tenna li xejn kontra li jitla' s-Sindku bhala rapprezentant tal-Kunsill, fl-opinjoni tieghu meta ssir il-vizita sabiex jigi ffirmat il-patt, id-delegazzjoni ghandha tkun rapprezentata miz-zewg nahat. Is-Sur Marco Spiteri oggezzjona ghax qal li fl-opinjoni tieghu id-delegazzjoni ghandha tkun rapprezentata mis-Sindku u l-Kunsillier responsabbli mill-gemellagg. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-ispiza m'ghandhiex taqbez it-€3,500 filwaqt lis-Sur Bartolo kompla li jekk, kif qed jahseb hu, l-akkomodazzjoni u l-ikel ikunu mhallsin u l-Kunsill ihallas biss it-titjiriet, jista' jkun possibbli jitla' iktar minn membru wiehed.

**3. KORRISSPONDENZA**

🗁Email minghand Simon Cauchi rigward tqassim ta' surplus ta' fondi. L-ammont allokat ghall-Kunsill ta' Ħ'Attard huwa ta' €48,000. Dawn il-fondi jistghu jitqassmu permezz ta' sottomissjonijiet fi progetti. Is-Sur Marco Spiteri qal li kemm jista' jkun nissottomettu progetti ga kompluti sabiex jingabru ftit mill-fondi ga minfuqa sabiex timmiljora il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandha ticcekkja il-kriterji tas-sottomissjonijiet

🗁 Talba minghand is-Sur Orlando Bonnici sabiex isiru attivitajiet ta' basketball competitions, kontra s-somma ta' €500 ghal kull attivita. Il-Kunsill iqies illi din is-somma hija eccessiva pero ma jeskludix li jekk nergghu ninghataw fondi mill-MEPA, issir attivita' ghall okkazjoni ta' Car Free Day

🗁 Email minghand Micallef Travel rigward talba sabiex il-Kunsill jorganizza giti ghall-Catania. Is-Sur Remigio Bartolo ha jiehu hsieb din il-korrispondenza.
🗁 Email minghand id-DLG rigward Memo 10/2014 – Hrug ta' sejhiet ghall-offerti. Is-Segretarju qalet li din il-Memo tittratta il-proceduri tal-Green Public Procurement, ir-Revised Statement on Conditions of Employment, ic-Changes to Tender Documents u Clarifications for Tender Proposals. Hi qalet li t-tenders mahruga bhalissa ghandhom kollha imorru ghall-GPP u jaghlqu fit-30 ta' Mejju 2014 fl-10am.
🗁 Talba sabiex isir event ta' re-enactment b'display ta' 14-il ufficcjal b'uniformi u 4 vetturi. Din it-talba giet milqugha u ha ssir bhala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħ'Attard.
🗁Email minghand TCTC sabiex isiru iKids Training Project 2014. Din il-proposta giet milqugha.
🗁 Talba mill-Kunsill Lokali taz-Zghazagh sabiex issir Easter Egg Hunt fil-21 ta' April 2014. Il-Kunsill Lokali taz-Zghazagh talab is-somma ta' €50 sabiex ikunu jistghu jinxtraw il-bajd tal-Ghid tac-Cikkulata. Din it-talba giet milqugha.

🗁E-mail mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn gie mitlub l-Performance Appraisal tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv li is-Sinjura Yanica Sammut li serviet fil-kariga minn Frar 2013 sal-ahhar ta' Gunju 2013 sakemm hi rritornat lura ghax-xoghol mill-leave tal-maternita' . Hi qalet li meta gie approvat il-Performance Bonus tal-istaff tas-Sinjura Sammut gie aprovat kollu bis-6% bhal tal-istaff klerikali minghajr konjizzjoni li kellu jigi approvat sebgha xhur u nofs fuq ir-rata klerikali u erbgha xhur u nofs fuq ir-rata ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv. Filwaqt li skuzat ruhha ghall-inkonvenjent hi talbet il-Kunsill japprova r-rapport tas-Sinjura Sammut bir-rata ta' kif gie stabbilit fid-9 ta' Dicembru.

Ghalhekk gie deciz li s-Sinjura Sammut ghandha tinghata l-massimu tal-Perf. Bonus kif kien gie deciz fid-9 ta' Dicembru u tithallas id-differenza bejn is-6% fuq bazi klerikali ghall-sena li thallset hi u l-erbgha xhur u nofs bir-rata tal-10% fuq is-Salarju li thallset bih tul il-perjodu li serviet bhalha Deputat Segretarju Ezekuttiv. Gew approvati z-zewg performance appraisals.

**4. APPROVAZZJONI TA' SKEDA TA' PAGAMENTI - MARZU**

Is-Sur Alfred Zammit qal li b'riferenza ghall-kont tal-patching, li kien jammonta ghal €9,000, ghandu jitqabbad perit ikejjel ix-xoghol qabel ma jithallas il-Kuntrattur minhabba li somom bhall dawn ikunu eccessivi u jista' jkun hemm xi zgarar. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dawn jigu mkejla minn Philip u jigu verifikati minna u pero m'hemmx spejjez kbar biex jitqabbad perit ikejjilhom.

**5. APPROVAZZJONI TA' AUDITED FINANCIAL STATEMENTS**

Approvati

**6. APPROVAZZJONI TA' BUDGET 2014**

Is-Sur Ralph Cassar qal li hu m'ghandu xejn kontra l-Budget u qieghed, mal-kumplament tal-Kunsilliera japprovah minhabba li m'hemmx mod iehor x'tista' taghmel minhabba r-restrizzjoni ta' fondi. Infatti dan il-budget qed jigi approvat minhabba li huwa fatt kompjut ghax m'hemmx toroq ohra minn fejn jistghu jingabru il-fondi. Fuq dan il-punt jixtieq jaghmel appell sabiex tigi riveduta l-allokazzjoni minhabba li l-fondi mhumiex bizzejjed.

**7. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Jum Ħ'Attard jista' jsir fit-8 ta' Ġunju 2014 permezz ta' re-enactment filghodu, quddiesa u programm mill-banda filghaxija. Qal ukoll li tkun xi haga sabiha li ssir xi unjoni civili f'din il-gurnata. Id-diskussjoni tkompli iktar 'il quddiem.
- Talab li tizdied il-frekwenza tal-knis fit-toroq minhabba li kemm ilu li tnaqqas qed jakkumula hafna hmieg f'certu toroq. Is-Sur Zammit qal li hemm certu toroq ma jsirux kull hmistax u hija norma li l-Kuntratturi jiehdu tender, ikunu tajjeb ghall bidu u mbaghad wara jisslakkjaw. Ha ssir laqgha ma ' Joey Gauci sabiex jintalab jaghmel tibdil fl-iskeda.

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dawn il-punti:

- Informa l-Kunsill li l-laqgha mal-Attard Football Club ser issir fit-28 ta' April fit-8pm. Is-Sur Alfred Zammit qal li hu kontra il-principju ta' kiri. Is-Sur Bonnici ukoll intervjena u qal li jrid jitkellem maghhom bhala xiri u mhux kiri. Is-Sur Cordina qal li kienet saret votazzjoni u id-diskussjoni mal-Attard Football Club ser issir a bazi ta' kiri. Ma jistax ikun li kull darba, ittiehdet votazzjoni, kulhadd semghu jghid li ha tittiehed votazzjoni, min ghogbu jitlaq, telaq bil-volonta' tieghu, u wara nigu nergghu nirribattu lura dak li jkun gie deciz. Is-Sur Marco Spiteri qal li ha jitkellmu mal-Football Club fuq it-termini. Is-Sur Cassar qal li ma jistax ikun li l-Kunsill jibqa f'din il-gabuba u li l-intenzjoni hi li jintalbu sentejn bla kera filwaqt li sakemm jitlesta l-post ma tithallasx kera lanqas. Is-Sur Remigio Bartolo qal li l-intenzjoni tal-Kunsill hi li ngibu termini ahjar.

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Talab pjanta ufficjali ta' Gnien il-Palma sabiex ikun jista' jinbeda il-progett tal-PPP. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li xorta triq tinhareg Tender.
- Talba sabiex issir Car Wash fi Gnien il-Palma bhala ghajnuna ghall-Agenzija ta' persuni b'dizabilita'. Din it-talba giet milqugha.

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Talab sabiex jingiebu kwotazzjonijiet biex jinxtraw il-boroz tat-tarmak minghand kuntrattur differenti minhabba li hafna drabi il-materjal tal-kuntrattur prezenti qed ikun hazin.
- Staqsa x'gara minn dik il-bozza ta' Triq is-Sienja ma' Triq il-Linja. Is-Segretarju ghandha ticcekkja ghalfejn dan id-dewmien biex terga' titwahhal.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Talab sabiex isiru il-marki tal-karreggata fil-Car Park tal-Corinthia kif ukoll issir tindifa sew mill-haxix u z-zrar.
- Talab sabiex titnehha rampa sporguta 'l barra fi Triq Victor Vassallo fejn il-garage tax-*Showtime*
- Gibed l-attenzjoni fuq kaxxa tal-elettriku li saret fuq il-bankina bejn Triq is-Sienja u Triq il-Faqqiegh li kif saret, ma thallix access fuq il-bankina ghan-nies.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Ghamel enfazi fuq it-tisqija ta' Gnien Hal Warda
- Talab sabiex isir rapport mill-perit fuq il-Barriera ta' Venven sabiex jinbdew il-proceduri tal-kawza
- Gibed l-attenzjoni li il-photocopier li hemm fil-librerija ghandha hsarat estensivi w ghaldaqstant talab sabiex isir ir-Writing-Off taghha filwaqt li jitnehhew kotba qodma sabiex isir spazju fuq l-ixkaffi ghal kotba godda. Kulhadd qabel

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Talab li jitnaddaf Wied Rmiedi mill-flixken, karti u hmieg
- Talab li titnaddaf Triq ix-Xghir
- Lampa maqtugha Triq is-Salvatur ma' Triq il-Qarsajja

**8. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.30pm għat-Tlieta 13 ta' Mejju fil-5.30pm

Sindku

Data